European Securities and Markets Authority

# Linji gwida

**Miżuri Alternattivi tal-Prestazzjoni**

05/10/2015 | ESMA/2015/1415mt

Data: 05/10/2015

ESMA/2015/1415mt

# Werrej

I. Kamp ta' applikazzjoni ........ 1
II. Referenzi u definizzjonijiet ........ 2
III. Skop ........ 4
IV. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar ........ 5
V. Linji Gwida dwar Miżuri Alternattivi tal-Prestazzjoni ........ 6

# I. Kamp ta' applikazzjoni

**Min?**

1. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lil:

   - emittenti ddefiniti bħala persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi regolati mid-dritt privat jew pubbliku, ħlief Stati, li t-titoli tagħhom huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat u li huma meħtieġa jippubblikaw informazzjoni regolata kif stipulat mit-TD.

     Fil-każ ta' riċevuti depożitorji ammessi għan-negozjar f'suq regolat, l-emittent ifisser l-emittent tat-titoli rappreżentati, kemm jekk dawk it-titoli huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat kif ukoll jekk le.

   - persuni responsabbli għall-prospett skont l-artikolu 6 (1) tad-Direttiva dwar il-Prospetti.

2. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti (CAs) kollha skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza jew ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq jew id-Direttiva dwar il-Prospetti.

**Xiex?**

3. Dawn il-linji gwida japplikaw b'rabta mal-APMs iddivulgati mill-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett meta jippubblikaw informazzjoni regolata u prospetti (u

supplimenti). Eżempji ta' informazzjoni regolata huma rapporti tal-ġestjoni iddivulgati lis-suq skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza u divulgazzjonijiet maħruġin skont ir-rekwiżiti tal-artikolu 17 tar-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq, pereżempju divulgazzjonijiet ad hoc inklużi r-riżultati tal-qligħ finanzjarju.

4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu msemmi iktar 'il fuq, dawn il-linji gwida ma japplikawx għal APMs:

- iddivulgati f'rapporti finanzjarji kif iddefiniti fis-sezzjoni II ta' dawn il-linji gwida;
- iddivulgati skont il-leġiżlazzjoni applikabbli, għajr il-qafas għar-rapportar finanzjarju applikabbli [1], li jistipula r-rekwiżiti speċifiċi li jirregolaw id-determinazzjoni tat-tali miżuri. Għaldaqstant, il-linji gwida ma japplikawx għal miżuri inklużi fil-prospetti bħal informazzjoni finanzjarja pro forma, tranżazzjonijiet ma' parti relatata, previżjonijiet tal-profitt, stimi tal-profitt, dikjarazzjonijiet tal-kapital operatorju u kapitalizzazzjoni u pożizzjoni ta' dejn li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti speċifiċi tar-reġim tal-prospett. B'mod simili, il-linji gwida ma għandhomx ikunu applikabbli għal miżuri prudenzjali inklużi l-miżuri ddefiniti fir-Regolament u d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital – CRR/CRD IV.

**Meta?**

5. Dawn il-linji gwida japplikaw għal APMs iddivulgati mill-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett meta jippubblikaw informazzjoni regolata jew prospetti fit-3 ta' Lulju 2016 jew wara.

# II. Referenzi u definizzjonijiet

## Referenzi leġiżlattivi

| | |
|---|---|
| *Regolament ESMA* | Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE. |
| *Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq* | Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq). |
| *Direttiva dwar it-Trasparenza* | Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar |

[1] Filwaqt li dawn il-Linji Gwida ma japplikawx għal rapporti finanzjarji, japplikaw għal sezzjonijiet oħrajn li jsawru r-rapporti finanzjarji annwali u semiannwali, b'mod partikolari r-rapporti tal-ġestjoni jew ir-rapporti tal-ġestjoni interim, skont kif relevanti.

| | |
|---|---|
| | emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE[2]. |
| *Id-Direttiva li timplimenta d-Direttiva dwar it-Trasparenza* | Id-Direttiva 2007/14/KE, tat-8 ta' Marzu 2007, li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat. |
| *Direttiva dwar il-Prospetti* | Id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ. |

## Taqsiriet

| | |
|---|---|
| *APM* | Miżura Alternattiva tal-Prestazzjoni |
| *ŻEE* | Żona Ekonomika Ewropea |
| *ESMA* | Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| *GAAP* | Prinċipji ta' Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati |
| *IASB* | Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà |
| *IFRS* | Standards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju |
| *AK* | Awtoritajiet Kompetenti |

## *Definizzjonijiet*

Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttivi dwar it-Trasparenza, dwar il-Prospetti u Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida. Ftit mit-termini ddefiniti huma ripetuti hawn taħt għall-ħeffa ta' referenza. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| *Qafas tar-rapportar finanzjarju applikabbli* | Għall-fini ta' dawn il-linji gwida, kwalunkwe minn dawn li ġejjin: (i) L-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) kif adottati fl-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità jew (ii) ir-rekwiżiti tal-kontabbiltà li jirriżultaw mit-traspożizzjoni tad-Direttivi Ewropej dwar il-Kontabbiltà (78/660/KEE, u 83/349/KEE jew 2013/34/KE) fis-sistema legali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew (iii) il-Prinċipji ta' Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati (GAAP) li jistabbilixxu r-rekwiżiti ekwivalenti skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1569/2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għad-determinazzjoni ta' l-ekwivalenza għall-istandards tal-kontabilità applikati mill-emittenti tal-pajjiż terz ta' titoli skond id-Direttiva 2003/71/KE u 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill |

[2] Kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2013/50/UE. Safejn rilevanti, sakemm jiskadi ż-żmien għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2013/50/UE, ir-referenzi għad-Direttiva dwar it-Trasparenza għandhom jinqraw skont id-dispożizzjonijiet tagħha bħala fis-seħħ qabel l-emenda tagħhom mid-Direttiva 2013/50/UE.

għall-emittenti li huma eżentati mir-rekwiżit ta' tħejjija tal-IFRS kif approvati fl-UE.

| | |
|---|---|
| *Rapporti finanzjarji* | Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, ir-rapporti finanzjarji jirreferu għal rapporti finanzjarji annwali u semiannwali u informazzjoni finanzjarja perjodika addizzjonali mħejjija skont il-qafas tar-rapportar finanzjarju applikabbli u ddivulgati mill-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza jew id-Direttiva dwar il-Prospetti. |
| *Prospett* | Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, il-prospett jirreferi għal dokument imħejji skont id-Direttiva 2003/71/KE. |
| *Emittent* | Għall-fini ta' dawn il-linji gwida, emittent huwa persuna fiżika jew entità legali rregolata mid-dritt privat jew pubbliku, ħlief Stat, li t-titoli tiegħu huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat.<br><br>Fil-każ ta' riċevuti depożitorja ammessi għan-negozjar f'suq regolat, l-emittent ifisser l-emittent tat-titoli rappreżentati, kemm jekk dawk it-titoli huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat kif ukoll jekk le. |
| *Informazzjoni regolata* | L-informazzjoni kollha li l-emittenti, jew kwalunkwe persuna oħra li applikat għall-ammissjoni tat-titoli għan-negozjar f'suq regolat mingħajr il-kunsens tal-emittent, huma meħtieġa jiddivulgaw skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza, b'konformità mal-Artikolu 6 tad-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq, jew skont il-liġijiet, ir-regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Stat Membru adottati skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar it-Trasparenza (traspożizzjoni tad-Direttiva dwar it-Trasparenza)[3]. |
| *Titoli* | Titoli trasferibbli kif iddefiniti fl-Artikolu 4(1), punt 18, tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji bl-eċċezzjoni ta' strumenti tas-suq monetarju, kif definiti fl-Artikolu 4(1), punt 19, ta' dik id-Direttiva li jimmaturaw f'inqas minn 12-il xahar, li għalihom tista' tkun applikabbli l-leġiżlazzjoni nazzjonali |

# III. Skop

6. Il-linji gwida huma mmirati sabiex jippromwovu l-utilità u t-trasparenza tal-APMs inklużi fil-prospetti jew l-informazzjoni regolata. L-aderenza mal-linji gwida ser ittejjeb il-paragunabilità, l-affidabilità u/jew il-komprensibilità tal-APMs. L-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospetti li jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida ser jipprovdu rappreżentazzjoni leali tal-informazzjoni finanzjarja ddivulgata lis-suq.

[3] Mit-3 ta' Lulju 2016, referenzi għad-Direttivi 2003/6/KE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE u għandhom jinqraw b'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

7. L-ESMA hija tal-fehma li l-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett li jiddeċiedu li jipprovdu l-APMs għandhom jagħmlu hekk b'tali mod li jkun xieraq u utli għat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-utenti. Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat tagħha kif stipulati fir-Regolament dwar l-ESMA, l-ESMA tista' toħroġ linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament dwar l-ESMA b'rabta mal-atti msemmijin fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament dwar l-ESMA, li jinkludu d-Direttiva dwar it-Trasparenza, id-Regolament Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq u d-Direttiva dwar il-Prospetti.

8. Fuq il-bażi tal-objettiv tad-Direttiva dwar it-Trasparenza li tipprovdi protezzjoni ekwivalenti għall-investituri fil-livell tal-UE u l-prinċipju bażi li jiġi pprovdut rendikont veru u ġust tal-assi, l-obbligazzjonijiet, il-pożizzjoni finanzjarja u l-profitt jew telf ta' emittent fil-mira tad-dispożizzjonijiet, l-ESMA tqis li hemm bżonn ta' approċċ komuni għall-APMs sabiex jiġu żgurati prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi u applikazzjoni konsistenti tad-Direttiva dwar it-Trasparenza (u b'estensjoni, id-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq).

9. B'konformità mal-għan tagħha li tippromwovi l-protezzjoni tal-investituri attwali u potenzjali, l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-Prospetti jistabbilixxi l-prinċipju li l-informazzjoni kollha inkluża fi prospett għandha tiġi ppreżentati f'forma faċilment analizzabbli u li tinftiehem. L-ESMA hija tal-fehma li, meta l-persuni responsabbli għall-prospett jiddeċiedu li jinkludu APMs fi prospett, dan il-prinċipju ta' forma li tinftiehem jeħtieġ li t-tali APMs jiġu ddefiniti, ipprovduti b'tikketti b'tifsiriet ċari u rrikonċiljati mar-rapporti finanzjarji u li jiġu spjegati r-relevanza u l-affidabilità tagħhom.

10. Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, l-ESMA ddeċidiet li toħroġ dawn il-linji gwida. Il-linji gwida jistabbilixxu approċċ komuni favur l-użu tal-APMs u huma mistennijin jibbenefikaw lil utenti u jippromwovu l-kunfidenza tas-suq.

# IV. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

*L-istatus tal-linji gwida*

11. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament dwar l-ESMA indirizzati lil emittenti jew persuni responsabbli għall-prospett u l-AK. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-ESMA, l-AK u l-emittenti jew il-persuni responsabli għall-prospett iridu jagħmlu kull sforz neċessarju biex jikkonformaw mal-linji gwida.

12. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju, dawn il-linji gwida ma jispostaw ebda obbligu sabiex jiġu rrispettati r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti jew fid-Direttivi. Għalhekk, għandha tinżamm konformità mar-rekwiżiti fl-MAR marbutin mad-divulgazzjoni minnufiha tal-informazzjoni lis-suq jew lill-pubbliku kif meħtieġ mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli.

13. AK b'responsabbiltajiet ta' superviżjoni tar-rekwiżiti tat-TD u l-MAR għandhom jinkorporaw dawn il-linji gwida fil-prattiki superviżorji tagħhom u joqogħdu attenti li l-emittenti jikkonformaw magħhom.

14. AK b'responsabbiltajiet ta' approvazzjoni tal-prospetti għandhom jinkorporaw dawn il-linji gwida fil-prattiki superviżorji tagħhom sabiex jiżguraw li l-persuni responsabbli għall-prospetti jikkonformaw magħhom.

*Obbligi ta' rapportar*

15. Awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jinnotifikaw lill-ESMA jekk jikkonformawx jew humiex bil-ħsieb li jikkonformaw mal-linji gwida, b'raġunijiet dwar il-għala hemm nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mid-data ta' pubblikazzjoni minn ESMA fuq corporate.reporting@esma.europa.eu. Jekk ma tingħatax tweġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu li mhumiex konformi. Formola għan-notifiki hija disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA.

# V. Linji Gwida dwar Miżuri Alternattivi tal-Prestazzjoni

16. Dawn il-linji gwida jistabbilixxu l-prinċipji b'tipa grassa flimkien ma' paragrafi ta' spjegazzjoni, elaborazzjoni u eżempju sussegwenti. Sabiex jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, l-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett iridu jikkonformaw mal-linji gwida kollha kemm huma.

*X'inhi APM?*

17. **Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, APM tinftiehem bħala miżura finanzjarja ta' prestazzjoni finanzjarja, pożizzjoni finanzjarja, jew flussi tal-flus storiċi jew futuri, apparti miżura finanzjarja definita jew speċifikata fil-qafas tar-rapportar finanzjarju applikabbli.**

18. Normalment l-APMs jinġiebu minn (jew ikunu bbażati fuq) rapporti finanzjarji mħejjin skont il-qafas tar-rapportar finanzjarju applikabbli, spiss billi jiżdiedu jew jitnaqqsu l-ammonti mill-figuri ppreżentati fir-rapporti finanzjarji. Eżempji ta' APMs jinkludu: qligħ operatorju, qligħ fi flus, qligħ qabel miżati ta' darba, qligħ qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-ammortizzament (EBITDA), dejn nett, tkabbir awtonomu jew termini simili li jiddenotaw aġġustamenti fil-partiti tar-rapporti tal-introjtu komprensiv, rapporti tal-pożizzjoni finanzjarja jew rapporti tal-fluss tal-flus.

19. B'konformità mad-definizzjoni fil-paragrafu 17, dawn il-linji gwida mhumiex applikabbli għal:

- miżuri definiti jew speċifikati mill-qafas tar-rapportar finanzjarju applikabbli bħad-dħul, il-profitt jew telf jew il-qligħ għal kull sehem;
- miżuri fiżiċi jew mhux finanzjarji bħan-numru ta' impjegati, in-numru ta' abbonati, il-bejgħ għal kull metru kwadru (meta l-figuri tal-bejgħ jiġu estratti

direttament mir-rapporti finanzajrji) jew miżuri soċjali u ambjentali bħall-emissjonijiet tal-gassijiet serra, id-disaggregazzjoni tal-forza tax-xogħol skont it-tip ta' kuntratt jew skont il-post ġeografiku;

- informazzjoni dwar parteċipazzjonijiet azzjonarji ewlenin, l-akkwiżizzjoni jew iċ-ċessjoni ta' ishma proprji u n-numru totali ta' drittijiet tal-vot;
- informazzjoni li tispjega l-konformità mat-termini ta' ftehim jew rekwiżit leġiżlattiv bħall-patti ta' self jew il-bażi tal-kalkolu tar-remunerazzjoni ta' direttur jew eżekuttiv

*Il-prinċipji ta' divulgazzjoni*

20. **L-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett għandhom jiddefinixxu l-APMs użati u l-komponenti tagħhom kif ukoll il-bażi tal-kalkolu adottata, inklużi dettalji ta' kwalunkwe ipoteżi jew suppożizzjoni materjali użata. L-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett għandhom jindikaw ukoll jekk l-APM jew xi wieħed mill-komponenti tagħha humiex marbutin mal-prestazzjoni (mistennija) tal-perjodu tar-rapportar passat jew futur.**

*Preżentazzjoni*

21. **L-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett għandhom jiddivulgaw id-definizzjonijiet tal-APMs kollha użati, b'mod ċar u li jista' jinqara faċilment.**

22. **L-APMs għandhom jingataw tikketti b'tifsira ċara li jirriflettu l-kontenut tagħhom u l-bażi tal-kalkolu sabiex jevitaw milli jgħaddu messaġġi qarrieqa lill-utenti.**

23. Pereżempju, emittenti jew persuni responsabbli għall-prospett ma għandhomx jużaw tikketti ottimisti jew pożittivi wisq bħal "profitt garantit" jew "redditu protett".

24. L-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett ma għandhomx jużaw tikketti, titli jew deskrizzjonijiet ta' miżuri definiti fil-qafas tar-rapportar finanzjarju applikabbli li huma l-istess jew simili tant li jistgħu jfixklu meta jirreferu għall-APMs.

25. L-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett ma għandhomx jittikkettaw partiti ħażin bħala mhux rikorrenti, mhux frekwenti jew mhux tas-soltu. Pereżempju, partiti li affettwaw perjodi fl-imgħoddi u li ser jaffettwaw perjodi fil-ġejjieni rari ser jitqiesu bħala mhux rikorrenti, mhux frekwenti jew mhux tas-soltu (bħal spejjeż ta' ristrutturar jew telf minn indeboliment).

*Rikonċiljazzjonijiet*

26. **Rikonċiljazzjoni tal-APM għall-iktar partita, subtotal jew total rikonċiljabbli direttament ippreżentati fir-rapporti finanzjarji tal-perjodu korrispondenti għandha tiġi ddivulgata, filwaqt li tidentifika u tispjega b'mod separat il-partiti li jirrikonċiljaw il-materjal.**

27. **L-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett għandhom jippreżentaw ukoll l-iktar partita, subtotal jew total rikonċiljabbli direttament ippreżentati fir-rapporti finanzjarji relevanti għal dik l-APM speċifika.**

28. Meta jiġu inklużi partiti rikonċiljanti fir-rapporti finanzjarji, l-utenti għandhom ikunu kapaċi jidentifikawhom f'dawk ir-rapporti finanzjarji. Meta partita rikonċiljanti ma tkunx tista' tiġi estratta direttament mir-rapporti finanzjarji, ir-rikonċiljazzjoni għandha turi kif inhi kkalkolata l-figura.

29. Meta APM tkun direttament identifikabbli mir-rapporti finanzjarji, ma jkun hemm bżonn ta' ebda rikonċiljazzjoni. Dan japplika pereżempju meta APM tkun total jew subtotal ippreżentat fir-rapporti finanzjarji.

30. Meta r-rapporti finanzjarji tal-perjodu korrispondenti ma jkunux għadhom ġew ippubblikati, l-APMs għandhom jiġu rrikonċiljati mal-iktar partita, subtotal jew total rikonċiljabbli direttament li ser ikunu inklużi f'dawk ir-rapporti finanzjarji meta jiġu ppubblikati (eż. riżultati tal-qligħ ippreżentati qabel ir-rapporti finanzjarji).

31. Meta r-rapporti finanzjarji tal-perjodu korrispondenti ma jkunux ser jiġu ppubblikati, l-APMs għandhom jiġu rrikonċiljati mal-iktar partita, subtotal jew total rikonċiljabbli direttament li kienu jkunu inklużi f'dawk ir-rapporti finanzajrji li kieku ġew ippubblikati. L-iktar partita, subtotal jew total direttament rikonċiljabbli użati sabiex jirrikonċiljaw l-APM għandhom jiġu kkalkolati u ppreżentati b'mod konsistenti mal-partita, subtotal jew total korrispondenti inklużi fl-aħħar rapporti finanzjarji annwali ppubblikati tal-emittent.

32. Meta APM ippreżentata ma tkunx rikonċiljabbli għaliex ma tkunx ġejja mir-rapporti finanzjarji, bħal stimi tal-profitt, projjezzjonijiet futuri jew previżjonijiet tal-profitt, l-emittent għandu jipprovdi spjegazzjoni dwar il-konsistenza ta' dik l-APM mal-politiki kontabilistiċi applikati mill-emittent fir-rapporti finanzjarji mħejjin skont il-qafas tar-rapportar finanzjarju applikabbli.

*Spjegazzjoni dwar l-użu tal-APMs*

33. **L-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett għandhom jispjegaw l-użu tal-APMs sabiex l-utenti jkunu jistgħu jifhmu r-relevanza u l-affidabilità tagħhom.**

34. L-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett għandhom jispjegaw għaliex jemmnu li APM tipprovdi informazzjoni siewja dwar il-pożizzjoni finanzjarja, il-flussi tal-flus jew il-prestazzjoni finanzjarja kif ukoll l-iskopijiet li għalihom tintuża l-APM speċifika.

*Il-prominenza u l-preżentazzjoni tal-APMs*

35. L-APMs ma għandhomx jintwerew bi prominenza, enfasi jew awtorità ikbar mill-miżuri li jirriżultaw direttament mir-rapporti finanzjarji.

36. Il-preżentazzjoni tal-APMs ma għandhiex ittellef mill-preżentazzjoni tal-miżuri li jirriżultaw direttament mir-rapporti finanzjarji.

*Komparattivi*

37. **L-APMs għandhom ikunu akkumpanjati minn komparattivi għall-perjodi preċedenti korrispondenti. F'sitwazzjonijiet li fihom l-APMs ikunu marbutin ma' previżjonijiet jew stimi, il-komparattivi għandhom ikunu marbutin mal-aħħar informazzjoni storika disponibbli.**

38. **L-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett għandhom jippreżentaw rikonċiljazzjonijiet għall-komparattivi kollha li jippreżentaw.**

39. Meta ma jkunx prattikabbli li jiġu pprovduti figuri komparattivi, l-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett għandhom jiddivulgaw l-imprattikabilità tiegħu u għaliex huwa imprattikabbli li jipprovdu dawk il-komparattivi.

40. Meta jerġgħu jirrapportaw il-komparattivi, l-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett għandhom jużaw biss informazzjoni disponibbli fi tmiem il-perjodu finanzjarju li għalih ġiet ippreżentata l-APM, u ma għandhomx jinkorporaw effetti ta' avvenimenti li jseħħu wara dak il-mument, jiġifieri ma għandhiex tintuża perspettiva li tħares fl-imgħoddi meta jiġu ppreżentati komparattivi rrapportati mill-ġdid.

*Konsistenza*

41. **Id-definizzjoni u l-kalkoli ta' APM għandhom ikunu konsistenti maż-żmien. F'ċirkustanzi ta' eċċezzjoni, meta l-emittenti jew il-persuni responsabbli għall-prospett jiddeċiedu li jiddefinixxu APM mill-ġdid, emittent għandu:**

    i. **Jispjega l-bidliet;**

    ii. **jispjega r-raġunijiet għaliex dawn il-bidliet jirriżultaw f'informazzjoni affidabbli u iktar relevanti dwar il-prestazzjoni finanzjarja, u**

    iii. **jipprovdi figuri komparattivi rrapportati mill-ġdid.**

42. **Jekk emittent ma jibqax jiddivulga APM, l-emittent għandu jispjega r-raġuni għall-kunsiderazzjoni li din l-APM ma għadhiex tipprovdi informazzjoni relevanti.**

43. Meta APM speċifika tiġi sostitwita ma' oħra li tikseb l-istess objettivi aħjar, l-emittenti għandhom jispjegaw għaliex l-APM il-ġdida tipprovdi informazzjoni affidabbli u iktar relevanti meta mqabbla mal-APM preċedenti użata.

44. APMs inklużi fil-prospetti għandhom jintużaw b'mod konsistenti għall-perjodi finanzjarji koperti mill-prospett. Dawn il-linji gwida ma għandhomx jestendu għal meta l-persuni responsabbli għall-prospett jddeċiedu li jibdlu APM jew li jieqfu jippreżentaw

APM fuq prospetti differenti f'termini taż-żmien jew l-għamla tat-titoli li jinħarġu (eż. persuni responsabbli għall-prospett ma għandhomx ikunu meħtieġa jispjegaw għaliex jintużaw APMs differenti fi prospetti għall-ħruġ ta' titoli ta' ekwità u wieħed għall-ħruġ ta' titoli mhux ekwità filwaqt li jitqies il-fatt li r-relevanza tal-kejliet tal-prestazzjoni jistgħu jvarjaw skont it-tip ta' titoli li jinħarġu).

*Konformità b'referenza*

45. **Ħlief fil-każ ta' prospetti li huma koperti minn reġim separat għall-inkorporazzjoni b'referenza[4] u ħlief għal dawk l-istati membri li ma jippermettux il-konformità b'referenza, il-prinċipji ta' divulgazzjoni stabbiliti f'dawn il-linji gwida jistgħu jiġu sostitwiti permezz ta' referenza diretta għal dokumenti oħrajn ippubblikati qabel li jkun fihom dawn id-divulgazzjonijiet dwar l-APMs u huma aċċessibbli minnufih u faċilment għal utenti. F'dan il-każ, il-konformità mal-linji gwida trid tiġi vvalutata filwaqt li d-dokumenti jinqraw flimkien. Madankollu, il-konformità b'referenza ma għandhiex tingħata preċedenza fuq il-prinċipji l-oħrajn ta' dawn il-linji gwida.**

46. L-APMs għandhom jiġu akkumpanjati mill-komparattivi għall-perjodi preċedenti korrispondenti, u b'hekk il-konformità b'referenza ma għandhiex tinftiehem li tippermetti t-tneħħija ta' dawk il-komparattivi u s-sostituzzjoni ma' referenzi.

47. Referenzi li jsiru għandhom jidderieġu lill-utenti għall-informazzjoni meħtieġa minn dawn il-linji gwida bħal hyperlinks diretti fid-dokumenti fejn tista' tiġi aċċessata l-informazzjoni. Din ir-referenza għandha tkun preċiża biżżejjed bħall-identifikazzjoni tal-paġna, is-sezzjoni jew il-kapitlu speċifiċi tad-dokumenti fejn tista' tinstab din l-informazzjoni.

48. Għall-fini ta' dawn il-linji gwida, aċċess faċli u minnufih għad-dokumenti jimplika li l-investituri mhuwiex ser ikollhom bżonn jirreġistraw fuq siti web, sabiex iħallsu tariffi biex jaċċessaw din l-informazzjoni jew ifittxu dawn id-dokumenti permezz ta' faċilità ta' tiftix jew suċċessjoni ta' links.

[4] L-Artikolu 11 tar-Regolament 2003/71